



Brussell, 22 ta' Frar 2019
(OR. en)

6556/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0309(COD)

CODEC 471
PROCIV 13
JAI 150
COHAFA 16
FIN 155

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-23 ta' Novembru 2017 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, abbażi tal-Artikolu 196 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Ottubru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Mejju 2018³.

¹ 14884/17.

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ ĠU C 361, 5.10.2018, p. 37.

4. Fit-12 ta' Frar 2019 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 90/18.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 6227/19.